MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 940/2013

**Mary-Ann Caruana**

**(I.D. 100677 M)**

**vs**

**Marouane *sive* Marwen Ben Mustapha Allagui**

**(I.D. 26247 A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-2 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, wara li kkonfermat l-istess bil-gurament taghha, r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti kienu jiggestixxu flimkien socjeta` *en nom collectif* li stabilew fis-6 ta' Mejju, 2011, biex minn stabbiliment li kellhom bl-isem *"Sanzeo Malta"*, fi Triq il-Wied, l-Imsida, huma setghu jnaddful l-karozzi, (ara foll 6 *et sequitur*);

1.2. Illi l-intimat kien talab biex il-facilitajiet bankarji ta' l-imsemmija socjeta` jkunu assigurati minn assi appartenenti esklussivament lir-rikorrenti;

1.3. Illi f'dak il-perjodu l-intimat kien wera lir-rikorrenti dokument bankarju li permezz tieghu kien jidher li kellu fondi disponibbli biex jirrilaxxa assi in garanzija tal-facilitajiet bankarji;

1.4. Illi fid-dawl ta' l-imsemmija garanzija r-rikorrenti accettat li toffri b'mod temporanju l-assi taghha oltre *stocks* tal-Gvern u ghall-facilitajiet bankarji mehuda;

1.5. Illi jirrizulta li l-intimat qatt ma hareg sehemu ghal dawn il-garanziji;

1.6. Illi r-rikorrenti inoltrat procedura ghax-xoljiment tas-socjeta` fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), liema procedura giet deciza fit-22 ta' Novembru, 2012, (ara foll 10 *et seguitur*);

1.7. Illi r-rikorrenti soffriet telf finanzjarju unigenti minhabba l-agir abbuziv tal-intimat u baqghet issofri danni anke wara li s-socjeta` *de quo* giet hekk dikjarata xolta;

1.8. Illi l-intimat:

1.8.1. Zamm il-flus kollha minn negozju; u

1.8.2. Qatt ma’ ta` flus lir-rikorrenti;

1.9. Illi r-rikorrenti baqghet thallas il-bilanc tas-self mehud in konnessjoni mas-socjeta` fuq riferita, inkluz l-interessi;

1.10. Illi r-rikorrenti tilfet ghalhekk l-*istocks* tal-Gvern li kellha hi personalment, favur il-*Bank of Valletta p.l.c.*;

1.11. Illi l-intimat naqas li jdahhal id-dokumenti relattivi rigwardanti t-Taxxa ghall-Valur Mizjud, li ghalihom kellha wkoll taghmel tajjeb l-istess rikorrenti, inkluzi l-penali addebitati;

1.12. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimat jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir ta’ l-intimat ikkawza danni lir-rikorrenti;

1.12.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat hu responsabbli ghall-hlas ta’ l-istess danni;

1.12.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba l-agir ta’ l-intimat;

1.12.4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.12.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2.0. Rat il-verbal datat it-12 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu gie rilevat is-segwenti: (ara foll 63);

2.1. Illi l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

2.2. Illi l-intimat jinsab fi stat ta' kontumacja;

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti, (ara foll 66);

4. Rat id-digriet datat l-10 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lir-rikorrenti biex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet hemm indikata, (ara foll 89);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet *de quo* datata id-9 ta' Jannar, 2015, (ara foll 90);

6. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Jannar, 2015, fejn *ai termini* tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, awtorizzat lill-intimat biex "... jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu ... permezz ta' nota" sad-data hemm indikata, (ara foll 95);

7. Tirrileva li t-terminu hemm indikat ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti rizultanti mill-analizi tad-dokumentazzjoni in atti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

8.1. Illi fis-6 ta' Mejju, 2011, il-kontendenti kienu waqqfu socjeta` f'isem kollettiv bejniethom, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

8.2. Illi l-intimat qatt ma effettivament hareg is-sehem tieghu fir-rigward tal-pizijiet finanzjarji necessarjament naxxenti mill-istess socjeta`;

8.3. Illi effettivament ukoll, b'hafna raggiri kif indikat mill-istess rikorrenti, (ara dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess a foll 66), l-intimat kien wassal lir-rikorrenti biex taghmel tajjeb hi weheda ghall-facilitajiet bankarji konessi mat-twaqqif ta' l-istess socjeta`;

8.4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghamlet tajjeb ghall-istess minn flusha u minn *stocks* governattivi appartenenti lilha;

8.5. Illi *di piu`*, mat-twaqqif ta' l-istes socjeta` l-intimat eskluda lir-rikorrenti mill-gestjoni tan-negozju tal-istess socjeta`;

8.6. Illi ghalhekk, id-dhul percepit bl-operat ta' l-istess socjeta` beda jgawdieh esklussivament l-intimat, (ara foll 67);

8.7. Illi eventwalment jirrizulta li l-istess socjeta` giet gudizzjarjament stralcjata, kif jidher fis-sentenza relattiva datata t-22 ta' Novembru, 2012, (ara foll 10 *et sequitur*);

8.8. Illi d-danni komplessivi sofferti mir-rikorrenti jammontaw ghal dzatax -il elf erba` mija u tmienja u erbghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu, (€19,448.47), li a skans ta’ ripetizzjoni u dilungar inutili huma debitament indikati bi precizjoni fl-affidavit tar-rikorrenti (ara foll 67), u fl-assenza tal-kontradittorju riskontrat qed jittiehdu bhala debitament ippruvati;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi ghandu jkun pacifiku mis-suespost li l-intimat agixxa b’mod tasew skorrett fil-konfront tar-rikorrenti li permezz tieghu jirrizulta:

9.1. Mhux biss li qatt ma hareg sehmu biex jaghmel tajjeb ghat-twaqqif tas-socjeta` *de quo*;

9.2. Izda li addirittura zamm esklussivament ghalieh dak kollu percepit mill-istess socjeta` meta din kienet qed tigi operata mill-istess intimat;

9.3. Illi ghalhekk il-*male fede* ta’ l-intimat tirrizulta lampanti u ghalhekk, kif ritenut minn din il-qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Enriquez vs. Farrugia datata t-12 t’Ottubru, 1995***:

> “... il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri *male fides* ma ghandiex thalli min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-*male fede* tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-*bona fides*”;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir ta' l-intimat ikkawza danni lir-rikorrenti;

10.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat hu responsabbli ghall-hlas ta' l-istess danni;

10.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba fl-agir ta' l-intimat fl-ammont komplessiv ta' dzatax -il elf erba` mija u tmienja u erbghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu, (€19,448.47);

10.4. Tikkundanna lill-intimat Marouane *sive* Marwen Ben Mustapha Allagui biex ihallas lir-rikorrenti Mary-Ann Caruana l-ammont ta' danni hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

10.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, u bl-interessi skont il-ligi mid-data tal-prezentata ta' l-istess gurament promotur, (senjatament mit-2 t'Ottubru, 2013), sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-istess intimat fuq gia` indikat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------